MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI
IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 14

6 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 6 ta' Lulju 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, wara li r-restrizzjoni marbuta mal-Covid 19 ġew imneħħija.

PREŻENTI:

Renald Falzon – Sindku
Dr Josef Masini Vento – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
George Muscat – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Donnha Barbara – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Renald Falzon ippresjeda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Donnha Barbara u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 **Is-Sindku Renald Falzon** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 14, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 13 ġew approvati b'mod unanimu.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku Renald Falzon infurma li f'dawn l-aħħar ġimgħat ntlaħaq ftehim ma' Infrastructure Malta sabiex il-Kunsill, permezz tal-kuntrattur tiegħu jagħmel xogħlijiet ta' resurfacing fit-toroq li ġejjin; Triq Ġuże Maria Camilleri, Triq il-Kanun u Triq il-Mitħna (minn Pjazza San Franġisk sa taħt il-pont).

14.3.2 Is-Sindku nfurma wkoll li Infrastructure Malta approvat li tħallas in-nefqa relatata mal-ispejjeż li se jkunu qed isiru fi Triq San Pawl k/m Triq San Franġisk.

14.3.3 Is-Sindku Renald Falzon infurma li Infrastructure Malta bdiet xogħlijiet ta' resurfacing fi Triq Karmenu Camilleri u Triq Ġorġ Zammit. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ġibed l-attenzjoni u qal li huwa mportanti li jkun hemm communication sabiex ir-residenti jkunu nfurmati bix-xogħlijiet. Is-Sindku nfurma li hu ġie nfurmat li se jinbdew ix-xogħlijiet għaliex ġie mistoqsi mir-residenti, dwar xi tabelli li ġew installati fit-toroq imsemmija. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk hux possibli li x-xogħlijiet fi Triq il-Kanun jibdew fl-immedjat, għaliex jekk jibdew l-iskejjel, se jkollna konġestjoni
14.3.4 ta' traffiku enormi. Is-Sindku Renald Falzon spjega li qabel jinħarġu l-permessi minn Transport Malta, x-xogħlijiet ma jkunux jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet. Dan il-proċess jieħu madwar xahar.

14.3.5 Is-Sindku Renald Falzon infurma li wara li ttieħed parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill, dwar il-cable tal-GO installat fil-bankina ta' Triq il-Proża, ġie deċiż li x-xogħlijiet jitkomplew, minkejja r-riskji kollha.

14.3.6 Is-Sindku Renald Falzon nfurma li ġie ffirmat il-kuntratt mal-Ministeru għall-Ambjent għall-bini ta' ġnien ġdid fiz-zona Ta' Farżina, liema proġett huwa stmat madwar € 190,000. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ppropona li ssir laqgħa mar-residenti sabiex jiġu nfurmati x'se jkun qed isir. Il-Kunsillier Daniel Ablett qal li huwa mportanti

li l-Kunsill jaħseb għal traffic management adegwat f'din iz-zona, issa li se jkun qed isir ix-xogħol tal-ġnien.

14.3.7 Is-Sindku Renald Falzon infurma li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-Urban Development Funds sabiex isir il-proġett tal-ġnien f'Misraħ iż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa hux possibli li jsir eżerċizzju sabiex jiġi identifikat kemm se jintrebħu/jintilfu parking spaces.

14.3.8 Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li kellu bosta talbiet sabiex fi Triq it-Tin issir Zebra Crossing.

14.3.9 Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li jsir traffic management kemm fi Triq it-Tin kif ukoll fi Triq iż-Żebbuġa.

14.3.10 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa jekk hux possibli li l-art wara l-klabb tal-boċċi ssir parking area. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li jkun aktar għaqli jekk din iz-zona tingħalaq mill-aċċess għall-vetturi għaliex qed isservi għal bosta abbużi.

14.3.11 Is-Sindku Renald Falzon infurma li l-lokalita' ta' Ħal Qormi ġiet magħżula mill-Ministeru għall-Ambjent sabiex fiha jsir proġett ta' madwar €1,000,000, liema proġett se jkun qed jinħadem f'forma ta' kompetizzjoni bl-isem 'Design & Built'. Dan il-proġett ingħata lill-Kamra tal-Periti li se tkun responsabbli mill-kompetizzjoni.

14.3.12 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li fuq portal partikolari diġa hemm persuna/i/kuntrattur li se jkun qed jieħu ħsieb dan ix-xogħol. Is-Sindku spjega li dan huwa mpossibli għall-fatt li l-kompetizzjoni lanqas biss għadha nfetħet aħseb u ara kemm huwa possibli li jingħata x-xogħol.

14.3.13 Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li l-parking spaces fi Triq il-Wied isiru fish-bone, biex b'hekk jintrebħu aktar spazji tal-parkeġġi.

14.3.14 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li f'laqgħa, fil-passat, kienet tressqet proposta sabiex il-wied jissaqqaf.

14.3.15 Is-Sindku Renald Falzon nfurma li dan il-proġett kien diġa tressaq għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Infrastruttura.

14.3.16 Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-idea li tissaqqaf il-korsija tal-ilma hija perikoluża għall-fatt li jista' jagħti l-każ li tinħoloq bomba għar-residenti tal-akwata, għaliex l-ilma jrid fejn jimxi mingħajr ostakli.

14.3.17 Is-Sindku Renald Falzon infurma li l-Kumpanija responsabbli mill-bus shelters applikat għal tlett bus shelters ġodda, li l-Kunsill ilu jistenna li jsiru s-snin. Dawn il-bus shelters jinsabu fi Triq Manwel Dimech, Triq id-Deheb Fin u Triq Anici. Is-Sindku Renald Falzon infurma li hekk kif ikun qed jinqala l-bus shelter, se jkun qed isir xogħol ta' ristrutturar tat-traffic island li takkomoda dan il-bus shelter, fejn se jsiru rampi għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti u se jiġu nstallati dwal ġodda.

14.3.18 Il-Kunsillier Charlie Cuschieri staqsa jekk il-bus shelters hux se jsiru bħal dawk preżenti, għaliex f'każ ta' maltemp, min ikun qed jistenna għat-transport Pubbliku xorta se jispiċċa jixxarrab.

14.3.19 Is-Sindku Renald Falzon infurma li f'Settembru mistenni jibda x-xogħol ta' ristrutturar tal-Librerija Reġjonali. Is-Sindku nfurma li jeħtieġ li jinstab post alternattiv sabiex il-librerija tiġi rilokata sakemm isiru x-xogħlijiet meħtieġa.

14.3.20 Is-Sindku Renald Falzon infurma li l-Kunsill applika ma' Transport Malta għall-traffic management adegwat fi Triq il-Kbira ma Triq San Bastjan, fejn b'mod partikolari qed jintalab li jsiru bollards quddiem il-pompa tal-petrol sabiex vetturi li jkunu neżlin minn Triq il-Kbira ma jdurux għal Triq San Bastjan.

14.3.21 Is-Sindku Renald Falzon infurma li issa li l-Kunsill għandu vettura se jkun qed jiltaqa' ma' persuna li qed turi x-xewqa li taħdem bħala xufier. Din il-persuna hija mpjegata bl-iskema CWESF u l-paga tiegħu tinħareġ direttament mill-iskema. Is-Sindku ppropona li huwa pjanat li s-servizz jingħata lill-anzjani sabiex jagħmlu l-qadi tagħhom minn u lejn il-Health Centre, uffiċċji tas-Sigurta' Soċjali, Banek u Day Care Centre. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li s-servizz jingħata fil-lokalita' biss.

**Il-Viċi Sindku, Dr Josef Masini Vento talab li jkun skużat. Hu ħareġ mil-laqgħa fis-7.30p.m.**

14.3.22 Is-Sindku nfurma li din is-sena l-festa hija ridotta ħafna, fejn bosta attivitajiet se jsiru ġewwa s-sede tas-Soċjeta' Filarmonika Pinto. Is-Sindku talab li tiġi diskussa Mozzjoni Nru 54, li hija relatata mal-attivitajiet tal-festa. Il-Kunsill approva li tiġi diskussa din il-mozzjoni.

## 14.4 Mozzjonijiet

14.4.1 **Mozzjoni b'Urġenza Nru 54 imressqa mis-Sindku Renald Falzon**

Wara l-laqgħa li saret mal-Kumitat tal-Festa u l-Pulizija tad-Distrett rigward il-Festa San Bastjan 2020, nipproponi li;

Jinħarġu permessi għall-imwejjed u siġġijiet, skont it-talba li jkollna mill-barijiet, għall-ġranet bejn il-Ħamis u l-Ħadd filgħodu biss, bil-kundizzjoni li kull armar jitneħħa mit-toroq, għall-Pelleġrinaġġ.

Il-Kunsill iħallas is-somma ta' € 3,500 sabiex ikopru l-ispejjeż relatati mas-servizz ta' Uffiċjali tal-Komunita', sabiex jassistu għall-għeluq ta' toroq.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni

### 14.4.2 Mozzjoni Nru 51 mressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli u l-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento

Qed nipproponu li l-bust u monument ta' Dr. Albert Hyzler jigi trasferit ghal gnien (bhal quddiem Kalc jew quddiem l-iskola) aktar centrali f'Hal Qormi, fil-waqt li l-gnien jibqa msemmi ghalih.

Is-Sindku Renald Falzon ssekonda.

Is-Sindku Renald Falzon qal li minkejja li ssekonda din il-mozzjoni, jemmen li fil-pjazzetta proposta m'hemmx spazju biżżejjed biex dan il-bust jiġi rilokat u ppropona li jinstab post adegwat.

Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

### 14.4.3 Mozzjoni Nru 52 mressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia

Billi bħala Kunsill Lokali aħna jimpurtana mill-kwalità tal-ħajja tar-residenti Qriema, speċjalment, l-anzjani tagħna.

Billi lkoll fid-dover li naraw li nieħdu ħsieb il-benesseri tar-residenti Qriema, inkluż l-anzjani u l-pensjonanti.

Billi ħafna anzjani li tkellimt magħhom saħqu dwar l-importanza li jkun hawn night shelter għall-anzjani f'Ħal Qormi stess

Qed nipproponi sabiex:

- formalment, il-Kunsill Lokali jibda l-ħidma biex flimkien mal-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Gvern Ċentrali, tiġi identifikata art jew spazju fejn jinbena night shelter għall-anzjani.

- nagħmlu aktar pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali sabiex jaħdem qatigħ ħalli jinbeda l-proċess sabiex jinbena night shelter għall-anzjani (speċjalment jekk hemm bżonn Fondi Ewropej).

- jekk il-Kunsill Lokali jħoss li jkun hemm bżonn, jinħoloq working group (simili ghal sotto-kumitat) għal dan il-għan

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li lura fl-2013, kien ġie preżentat proġett għal bini ta' night shelter li l-istima tiegħu kienet tammonta għal madwar € 500,000.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni mal-Gvern Ċentrali sabiex jinvesti f'dan il-proġett.

**14.4.4 Mozzjoni Nru 53 mressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

Billi bħala Kunsill Lokali fid-dover li nieħdu ħsieb il-Wirt Storiku tagħna l-Qriema.

Billi ċ-ċint taz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġorġ jinsab f'kundizzjoni ħazina u mwegħra.

Jeħtieg li bħala Kunsill Lokali naħdmu flimkien mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi u l-Gvern Ċentrali sabiex nieħdu ħsieb il-Wirt Storiku tagħna.

Għaldaqstant, qed nipproponi biex:

Bħala Kunsill Lokali nagħtu l-għajnuna kollha possibbli lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u nitolbu lir-Regjun Nofsinhar u lill-Gvern Ċentrali biex jagħtu l-kontribut tagħhom ukoll.

Flimkien nieħdu ħsieb il-wirt storiku tagħna l-Qriema.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsillier Ralph Puli nfurma li tressqet mozzjoni parlamentari u r-risposta tal-Ministru kienet li fil-futur qarib il-Parroċċa tkun tista' tapplika għall-fondi ta' restawr.

Is-Sindku Renald Falzon infurma li r-Reġjun Nofsinhar qed jagħmel l-istudji tiegħu sabiex isir Restoration Method Statement għar-restawr taz-zuntier, għall-fatt li z-zuntier ma jistax jiżżarma.

## 14.5 Approvazzjoni Administrative Report 2019-2020

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-Financial Administrative Report 2019-2020, liema rapport ġie mgħoddi lill-membri, fis-Seduta preċedenti.

Il-Kunsill approva r-Rapport Amministrattiv b'mod unanimu.

## 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2020.

Il-kunsillier Marvin Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa jekk il-ħlasijiet lill-kuntratturi jiġux ċċertifikati mill-Perit qabel jitħallsu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ħlasijiet jiġu ppreżentati biss wara li jiġu ċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill

Il-Kunsill approval-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2020.

## 14.7 Rapporti ta' Sotto Kumitati

14.7.1 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa x'kien sar dwar it-talba ta' tneħħija ta' road hump fi Triq il-Ħelsien. Is-Sindku staqsa li mhux għaqli li din ir-road hump titneħħa, għall-fatt li din it-triq diġa hija suġġetta għal sewqan eċċessiv.

14.7.2 **Il-Kunsillier George Muscat** staqsa hux possibli li jsiru pelican lights fuq iz-zebra crossing ta' Triq il-Wied.

14.7.3 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni tal-membri li bħalissa quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar hemm applikazzjoni sabiex tinbena warehouse f'zona ODZ fil-limiti ta' Wied il-Kbir. Il-Kunsillier Caruana Cilia nfurma li dan il-bini se jħalli mpatt ambjentali fuq il-wied kif ukoll se jkun qed jolqot il-ħidma tal-għaqda tan-Nar San Sebastjan. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill ippreżenta oġġezzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-istess awtorita' stiednet lill-Kunsill sabiex ikun fuq il-bord.

14.7.4 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** reġa' ġibed l-attenzjoni li l-mera ta' Triq il-Kbira, faċċata ta' Triq l-Arkata baqgħet ma saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-mera twaħħlet 3 darbiet u t-3 darbiet spiċċat imkissra bit-trakkijiet li jiġu pparkjati llegalment.

14.7.5 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li rċieva bosta lmenti dwar rain water culverts fi Triq il-Blata li qed iħabbtu.

14.7.6 Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li fi Triq San Edwardu kien hemm water leakage.

14.7.7 **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li fi Triq Bellić hemm bżonn li jiġu nstallati tabelli sabiex il-vetturi jipparkjaw bl-exhaust pipe 'l barra. Is-Sindku nfurma li meta marru l-ħaddiema biex jinstallaw dawn it-tabelli, ħadd mir-residenti m'aċċetta li dawn jitwaħħlu quddiem biebhom.

14.7.8 **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa kienx hemm xi żviluppi dwar il-Community Policing. Is-Sindku nfurma li l-proġett beda fin-naħa tat-Tramuntana ta' Malta u hemm ippjanat li dawn jiġu ntrodotti fil-lokalitajiet kollha.

**14.7.9** **Il-Kunsillier Ralph Puli** nfurma lill-membri li qed jirċievi bosta lmenti dwar l-istat ħażin tal-bankina fi Triq Ġorġ Borg. Il-Kunsillier Puli qal li din il-bankina qatt ma ingħatat wiċċ ġdid, minn meta saret it-triq u talab li l-Kunsill jikkunsidra li tiddaħħal fil-programm ta' xogħlijiet.

**14.7.10** **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li matul dan ix-xahar reġa' tqajjem il-punt dwar il-proġett tac-Centerparc, u se jerġa jagħmel l-istqarrija, dwar il-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill li jgħidu li ma jtellifx il-viżwal, isir il-landscaping u jerġa' jinbena r-razzett. Is-Sindku Renald Falzon qal li l-ftehim li sar għadu in vigore u qed jinħadem MoU. Is-Sindku nfurma li minbarra li hu obbligat li r-razzett isir, inqatghet linja dritta mar-razzett u se jinbena ġnien fi Triq it-Tiġrija, mill-istess Centerparc. Dan minbarra li la jinbena s-sular ta' fuq, se jsir il-landscaping. Dan minbarra li se jkun hemm parkeġġ li jilqa' 150 vettura.

**14.7.11** Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li issa li daħal is-sajf issir it-tisqija tal-pots li saru mill-Kunsill.

**14.7.12** Il-Kunsillier Martina Grech, nfurmat li issa li r-restrizzjonijiet tal-Covid-19 ġew lifted, se tkun qed tiskeda laqgħa mal-għaqdiet taż-żgħażagħ.

**14.7.13** Il-Kunsillier Martina Grech infurmat li l-kompetizzjoni tat-tpinġija se tingħalaq u se jkun qed jingħażel ir-rebbieħ skont il-likes.

**14.7.14** Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li se jsiru l-fitness classes fil-bitħa tal-iskola.

**14.7.15** Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li l-attivita Achievers se tiġi amalgamata mal-attivitajiet relatati ta' Jum Dinji tat-Tfal, filwaqt li l-attivita' Young Warriors se ssir fil-Buskett fil-15 ta' Novembru.

**14.7.16** Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri talab li jiġu nstallati 2 mirja, 1 fi Triq l-Imdina u oħra fi Triq Pinto opp Triq Dun Marju.

**14.7.17** Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri talab li jsir tindif fi Triq ix-Xitwa (fil-passaġġ tal-barriera). Is-Sindku qal li dan ix-xogħol jista' faċilment isir mill-ħaddiema tal-OZO Group.

**14.7.18** Is-Sindku Renald Falzon infurma li f'għeluq is-sena ta' ħidma tal-Kunsill se jinħareġ video li turi l-ħidma li twettqet matul dawn it-tnax-il xahar.

## 14.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 3 ta' Awwissu 2020 fis-6.30p.m..

Konfermati, illum 3 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Renald Falzon<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |